MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Numru 874/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs.**

**Francesco Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Francesco Xuereb ta' 44 sena iben Saviour u Jane nee Mariani, imwieled Pieta fit-23 ta' Marzu 1961 u li joqghod Ponsietta Court, Flat 4, Tower Road, Swatar, Birkirkara, detentur tal-karta' ta' l-identita bin-numru 246161(M)

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe fil-perjodu ta' Ottubru 2004, ghamilt xi qliegh b'qerq ghad-dannu ta' Giovanna Concetta Xuereb, detentrici tal-Karta ta' l-Identita 39938(M)

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fit-8 ta' Mejju 2006, fejn deherlu li tista' tinstab htija:
a) fl-artikoli 309 u 310 tal-Kodici Kriminali.[1]

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.[2]

Wara li semghet il-provi, inkluz il-fedina penali aggornata ta' l-imputat;

Wara li semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz sfortunatment jikkoncerna tilwima bejn omm u binha. Fl-4 ta' Marzu 2005, Jane Xuereb – li tigi omm l-imputat – ghamlet kwerela fejn allegat li binha, cioe l-imputat, iddeposita flus parafernali taghha go joint account mal-Bank of Valletta p.l.c., f'ismu u f'isimha, u dan meta hi qatt ma kienet tat il-kunsens taghha biex il-kont jinfetah joint.

Mill-provi jirrizulta illi Jane Xuereb irceviet zewg cekkijiet mit-Tezor wiehed ta' LM1564.70 u l-iehor ta' LM700.50, rapprezentanti zbank ta' zewg cedoli tad-depositu wara subbasta ta' proprjeta parafernali taghha. Ic-cekkijiet irceviethom wiehed f'Settembru 2004 u l-iehor f'Ottubru 2004. Fit-22 ta' Ottubru 2004, l-imputat u l-kwerelanta marru fil-fergha ta' Santa Venera tal-Bank of Valletta p.l.c., u iddepositaw l-ammont totali ta' dawn ic-cekkijiet – cioe l-ammont ta' LM2,265.20 go kont joint fiss ghall-sitt

[1] Ara fol. 210 tal-process.
[2] Ara verbali fis-seduta tat-23 ta' Frar 2011 (a fol. 208 tal-process) u fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2011 (a fol. 212 tal-process).

(6) xhur. Dan il-kont infetah f'isem l-imputat u f'isem Jane Xuereb. L-indirizz li inghata kien dak tar-residenza ta' l-imputat, l-interessi kellhom jizdiedu mal-kapital, u l-istruzzjonijiet originali kienu li kull wahda mill-partijiet setghet tiffirma.

Meta l-Bank gie infurmat bl-allegazzjoni tal-kwerelanta, l-ufficju legali tal-Bank ta' parir lill-Bank biex il-flus f'dan id-depositu ma jingibdux jekk ma jkunx hemm il-firma kemm ta' l-imputat kif ukoll ta' ommu l-kwerelanta.

Ghalhekk il-kwistjoni tirrissolvi ruhha f'wahda prettament ta' fatt u cioe jekk il-kwerelanta kienitx tat il-kunsens taghha lill-imputat biex il-flus parafernali taghha jigu depositati f'kont bankarju joint bejniethom.

Fix-xhieda taghha, il-kwerelanta qalet illi hi qatt ma kienet tat lill-imputat il-kunsens biex jiftah kont joint. Hi xiehdet li meta hi u l-imputat marru l-bank, l-imputat gieghla toqghod bil-qieghda u ma tqumx, u l-imputat mar wahdu jkellem lill-iskrivana, u minn fejn kienet bil-qieghda l-kwerelanta ma setghetx tismaghhom. Imbaghad l-imputat gie b'zewg karti u talabha tiffirmha. Meta staqsietu ghalxiex ser tiffirma, hu wegibha sempliciment li biex tpoggi l-flus il-bank. Wara li iffirmat, l-imputat rega' mar hdejn l-iskrivana. Dejjem skond ix-xhieda tal-kwerelanta, u hu hiereg mill-bank, l-imputat tefghala *"il-ktieb tal-bank"* (recte certifikat ta' depositu) f'hogorha u x'hin fethitu indunat li kien hemm isem l-imputat imnizzel ukoll. Fi kliemha stess tghid hekk: *"Imbaghad jien ftaht il-ktieb u qed nara li ghamel ismu l-ewwel wiehed, ghidtlu dawn il-flus mhux tieghek u <u>bqajt nigri sal-bieb ta' barra tal-bank u nghajjat</u> idhol u rranga kollox ghax il-flus kienu hwejgi u mhux hwejgek u xorta baqa sejjer … … Ma rrispondiex lanqas kelma."*[3] (sottolinear tal-Qorti).

Sfortunatament, il-kontro-ezami tal-kwerelanti ma sarx dak in-nhar li xehdet, u meta l-imputat ried jaghmel il-kontro-ezami taghha, hu gie impedit milli jaghmel dan, peress illi l-kwerelanta kienet qieghda tbati bid-dimentia.

---

[3] Ara xhieda ta' Jane Xuereb a fol. 37 tal-process.

Skond il-versjoni ta' l-imputat, moghtija fix-xhieda tieghu, meta hu u ommu marru l-bank, huma marru fis-sezzjoni fejn jinfetah kont bankarju u ommu kienet prezenti. Huwa fetah kont joint bil-barka ta' ommu. Skont l-imputat *"qaltli poggi fuq ismek halli jekk ikolli bzonn nirtira jkolli bzonn xi flus iggibli."*[4] L-indirizz tal-kont kien l-indirizz tad-dar tieghu, peress li dak iz-zmien ommu kienet toqghod mieghu, stante li missieru kien miet ftit tax-xhur qabel. Il-kont infetah joint u marru bil-kwiet id-dar, u l-hajja taghhom kompliet bhal qabel. Kien biss fid-29 ta' Novembru 2004 – iktar minn xahar wara li sar id-depozitu - li ommu akkuzatu li hadilha l-flus.

Din il-versjoni tal-fatti ta' l-imputat hija korroborata bix-xhieda ta' l-iskrivana tal-Bank li fethet il-kont, Sarah Jane Cauchi nee Mercieca. Hi xehdet l-kaz ma kienitx tiftakru peress li ghadda z-zmien, *"u apparti minn hekk ma kienx kaz li kelli ghalfejn niftakru. Fis-sens kienet xi haga normali."*[5] U iktar tard xehdet illi *"Jiena dejjem, kull kaz li jkun, qabel jiffirmaw il-klijenti dejjem nerga' nispjega ghal xiex ser jiffirmaw,"*[6] u li *"Pero jiena jekk ikun gara xi haga irregolari, ser nibqa' b'xi mod niftakarha nahseb."*[7] Minn din ix-xhieda jirrizulta li l-ftuh tal-kont joint kien wiehed normali u regolari.[8]

Li kieku kien veru dak li xehdet il-kwerelanta u cioe li hija bdiet tigri fil-bank wara l-imputat u tghajjat biex jirranga l-kont ghax il-flus kienu taghha, zgur li mhux biss ix-xhud Sarah Jane Cauchi kienet se tiftakar l-incident, imma zgur li kien se jkun hemm ufficjali ohra fil-bank li jisimghuha u jiftakru l-incident, u possibilment jittiehdu passi immedjati mill-Bank. Ghalhekk, il-Qorti ma tarax li l-verzjoni tal-fatti tal-kwerelanta hija kredibbli.

---

[4] Ara xhieda ta' l-imputat a fol. 146 u 155 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Sarah Jane Mercieca a fol. 178 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Sarah Jane Mercieca a fol. 181 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Sarah Jane Mercieca a fol. 182 tal-process.
[8] Ara wkoll xhieda tal-Bank Manager Joe Hollier a fol. 122 tal-process.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma irnexxiehix tipprova sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp penali, l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontrieh u qieghda tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------